C/2024/4403

8.7.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11531 — CINVEN / ALTER DOMUS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4403)

1. Fit-28 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

   Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

   — The Eighth Cinven Fund ("Cinven VIII") immexxi minn Cinven Limited u parti minn Cinven ([2]) ("Cinven", Guernsey), u

   — Alter Domus Global S.à r.l. ("Alter Domus", il-Lussemburgu).

   Cinven VIII se jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tat-totalità ta' Amara Domus.

   Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

   — Cinven VIII huwa parti minn fond ta' investiment ta' Cinven, negozju ta' ekwità privata involuta fil-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-investiment lil għadd ta' fondi ta' investiment.

   — Alter Domus jipprovdi amministrazzjoni tal-fondi u servizzi anċillari lill-ekwità privata internazzjonali, lill-intrapriżi tal-infrastruttura u tal-proprjetà immobbli, lill-maniġers tad-dejn privat, lill-kumpaniji multinazzjonali, lill-klijenti privati u lill-emittenti tas-swieq kapitali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

   Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([3]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

   L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

   M.11531 — CINVEN / ALTER DOMUS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) "Cinven" tfisser, skont il-kuntest, kwalunkwe minn jew kollettivament Cinven Holdings Guernsey Limited, Cinven Partnership LLP u l-"assoċjati" rispettivi tagħhom (kif definiti fl-Att tal-2006 dwar il-Kumpaniji tar-Renju Unit) u/jew fondi ġestiti jew rakkomandati minn kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq kif kostitwiti għall-finijiet tal-EUMR.

([3]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË